



Brussell, 4 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6566/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0437(NLE)

CORDROGUE 7
SAN 91
RELEX 145

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

1. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 ("il-Konvenzjonijiet") huma t-trattati internazzjonali ewlenin dwar il-kontroll tad-drogi, flimkien mal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988.
2. L-Istati Partijiet għall-Konvenzjonijiet huma meħtieġa jiżguraw li l-miżuri ta' kontroll obbligatorji jiġu applikati għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi annessi magħhom. L-għan ta' dan l-ejenkar huwa li jiġi kkontrollat u limitat l-użu ta' dawn id-drogi skont klassifikazzjoni tal-valur terapewtiku, ir-riskju ta' abbuż u l-perikli għas-saħħa tagħhom, u li tiġi mminimizzata d-diverżjoni ta' sustanzi kimiċi prekursori għal manifatturi ta' drogi illegali.
3. Deċiżjonijiet dwar it-tibdil tal-ambitu tal-kontroll ta' sustanzi jittieħdu mill-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), permezz ta' deċiżjonijiet biex isiru ċerti bidliet għall-Iskedi tal-Konvenzjonijiet, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

4. Is-CND, matul it-tnejn u sittin sessjoni tagħha mit-18 sat-22 ta' Marzu 2019 fi Vjenna, għandha tadotta deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet.
5. Fis-7 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-62 sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet (dok. 5065/19 + ADD1 CORDROGUE 1 SAN 1 RELEX 3).
6. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet analizzata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) fl-14-15 ta' Jannar 2019 u fis-7-8 ta' Frar 2019. Il-verżjoni riveduta tal-proposta li tinsab fid-dokument 6533/1/19 REV 1 kienet approvata mill-HDG fit-28 ta' Frar - 1 ta' Marzu 2019.
7. **B'konsegwenza ta' dan, il-Kunsill huwa mitlub jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi skont il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, kif indikat fid-dok. 6576/19 CORDROGUE 8 SAN 92 RELEX 148.**